# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta tal-31 t'Awwissu 2023

**Rikors Numru : 285/2023 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**GC**

**Vs**

**PC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' GC datat 16 ta' Mejju 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

***1.*** *Illi r-rikorrenti izzewwget lill-intimat nhar l-22 ta' Dicembru 1990; u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, illum maggorenni;*

*2. Illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi nhar l-10 ta' April 2008 anness u mmarkat **Dok 'GC1'** liema kuntratt gie emendat fit-28 ta' Lulju 2015 **Dok 'GC2'**;*

*3. Illi llum m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

***Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbbli Qorti sabiex:***

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi, huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.*

3. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe 'M'.*
   *U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi permezz ta' affissjoni u pubblikazzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimat (Vide Fol 21) li taqra hekk:

> *Illi l-esponent ma jopponiex ghat-talba maghmulha mir-rikorrenti martu ghall-hall taz-zwieg taghhom u jaqbel illi jikkonkorru l-elementi mahsuba fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B kif korrettament senjalat mir-rikorrenti fit-talba taghha b'dan illi l-ispejjez tal-istess ghandhom jigu sapportati mill-istess rikorrenti martu.*
>
> *Illi ai termini tad-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fid-19 ta' Mejju 2023 l-esponent qieghed jannetti l-affidavit tieghu li qieghed jigi immarkat bhala Dok A u kif ukoll c-certifikat taz-zwieg Dok B.*
>
> *Illi l-esponent in oltre jiddikjara illi provi jew trattazzjoni ulterjuri m'hemmx u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti tista' tghaddi ghas-*sentenza.

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-20 ta' Gunju 2023 fejn il-partijiet kif assistiti ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 15) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-22 ta' Dicembru, 1990 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggiorenni. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 10 t'April 2008, li gie emendat fit-28 ta' Lulju 2015 fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Cauchi. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostniet illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

L-intimat xehed (Vide Fol 22 et seq.) u kkorrobora ma dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li***

*jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Dicembru 1990, liema zwieg jgib certifikat numru 2366/1990 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 19). Minn dan iz-zwieg

kellhom zewgt itfal, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Cachia nhar l-10 t'April 2008 (vide Dok A fol 11 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2366/1990 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghall-kunjom xbubitha cioe' M.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**